# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 7632/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Natalia Busuttil**

Illum it-tmienja (8) ta' Lulju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti **Natalia Busuttil**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 6998(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bejn April 2024 u Mejju 2024:

1. meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex tagħti aċċess lil Dylan Muscat għal uliedhom, irrifjutat li tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' April 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 7(2), 18, 31(1)(g) u 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u kkundannatha xahrejn priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fl-14 ta' Mejju 2025 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi **TĦASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-unika imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha u konsegwentement **TIDDIKJARAHA** mhux ħatja tagħha u b'hekk **TILLIBERAHA** minn kull imputazzjoni, ħtija u piena; sussidjarjament u fil-każ illi din il-Qorti jidhrilha li għandha ssib ħtija, **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellanti, liema Risposta ġiet ippreżentata fis-27 ta' Mejju 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm, fost liema din il-Qorti ġiet infurmata li l-*parte civile* Dylan Muscat kien qed jirtira l-kwerela li kien għamel.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-28 ta' April 2025.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw sitwazzjoni fejn l-appellanti allegatament ċaħdet lil-eks sieħeb tagħha l-*parte civile* Dylan Muscat milli jkollu aċċess għal wild tagħhom. Eventwalment l-appellanti ġiet mixlija quddiem l-Ewwel Qorti bl-imputazzjoni msemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza, bl-imsemmija Qorti ssibha ħatja tal-istess.

Illi fir-Rikors tal-appell tagħha, l-appellanti tressaq tliet aggravji fejn filwaqt li fl-ewwel aggravju hija targumenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u hawnhekk tressaq numru ta' ilmenti, it-tieni u t-tielet aggravji huma dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tagħha.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tinnota li ġiet infurmata li l-*parte civile* Dylan Muscat kien qed jirtira l-kwerela li kien għamel fir-rigward tal-appellanti allura imputata fir-rigward tal-każ mertu ta' dawn il-proċeduri, liema informazzjoni ngħatat lil din il-Qorti fil-preżenza tal-istess *parte civile.* Għal kull buon fini jingħad li fis-sottomissjonijiet bil-fomm li nstemgħu minn din il-Qorti, hija ġiet infurmata bir-raġuni għala tali kwerela kienet qed tiġi rtirata. Tenut kont taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ta' dak li jirriżulta mill-atti proċesswali u ta' dak li din il-Qorti ġiet infurmata bih, din il-Qorti ser tipproċedi sabiex tieħu dan kollu in konsiderazzjoni.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-6 ta' Mejju 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Adrian Vella** (Numru 208/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "6. Issa, f'dawn il-proċeduri, il-*parte civile* Andrew Agius iddikjara li kien qed jirrinunzja għall-azzjoni kriminali kontra l-appellant. F'tali ċirkostanzi, u wara illi din il-Qorti rat l-artikolu 545(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, m'hemmx lok illi jiġu kkunsidrati l-aggravji ta' l-appellant."

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputazzjoni li tagħha l-appellanti ġiet akkużata biha f'dawn il-proċeduri hija kontravenzjoni li tista' tiġi rinunzjata mill-*parte civile*, din il-Qorti ser tagħmel dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq appena ċitata u b'hekk, fid-dawl ta' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddikjara l-proċediment eżawriet fir-rigward tal-imputazzjoni in kwistjoni.

Illi għaldaqstant din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha b'dan illi din il-Qorti ser tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata minħabba dak imsemmi fil-paragrafu preċedenti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara l-proċediment eżawriet fir-rigward tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellanti u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-Rikors tal-appell tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**